**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Appell Nru: 485/2015**

**Illum : Il-Gimgha, 29 ta' Luljun 2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Ernest Cilia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuża dedotta kontra Ernest Cilia, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0141661(M), imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq talba tad-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud:

> Talli għan-nom u in rappreżentanza ta' MALTATEL LTD u/jew bħala persuna reġistrata mad-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa ta' l-istess Att, naqas li jikkonforma ruħu mas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata

21 ta' Ġunju 2011, u mogħtija fil-konfront tiegħu inkwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza, jikkonforma ruħu mal-liġi u fin-nuqqas jeħel multa oħra ta' €15 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien, liema multa, bis-saħħa tal-art. 4 u 6 tal-Att XIV tal-2013, għandha tiġi riveduta għal €5 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas.

Għalhekk il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi imputat jiġi kkundannat li jħallas il-multa msemmija fis-sentenza fuq riferita għall-perijodu li jibda mit-22 ta' Settembru, 2011 sal-31 ta' Jannar 2014, liema multa għandha tiġi kkalkulata mill-ġdid kif imsemmi fuq, salv kull multa għal nuqqas ulterjuri.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Ottubru, 2015, VAT Każ Numru 194/2014, li permezz tagħha dik il-Qorti wara li rat l-artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' erbat elef, tliet mija u ħmistax-il euro (€ 4,315) għall-perijodu mit-22 ta' Settembru 2011 sal-31 ta' Jannar 2014.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Ernest Cilia ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Novembru, 2015 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni appellata għar-rigward tas-sejbien ta' ħtija fih u tiddikjara nuqqas ta' ħtija fl-appellant u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija u fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ ta' sejbien ta' ħtija tnaqqas il-piena hekk kif imposta fuqu u dana stante r-raġunijiet miġjuba minnu.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, semgħet ix-xhieda u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti in kwantu relevanti għall-appell tal-Avukat Ġenerali jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

B'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Ġunju 2011, Vat Każ Numru 771/2009, l-imputat nstab ħati talli

naqas sal-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara l-aħħar jum li fih intemmu ż-żminijiet ta' taxxa relattivi li jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq il-Valur Miżjud (15) id-denunzja li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fit-30 ta' Novembru 2005 sat-28 ta' Frar 2009 u dan bi ksur tal-artikoli 27 u 76(c) u 82(2) tal-Att Nru. XXIII tal-1998 u kkundannatu multa ta' disa' mitt Euro (€900) u ordnatlu sabiex fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza jikkonforma ruħu mal-liġi u fin-nuqqas jeħel multa oħra ta' ħmistax-il Euro (€15) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien.

**6.** L-aggravji tal-imputat appellant huwa sostanzjalment kif ġej:

1. Il-prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aħjar prova meta naqset tipproduċi lil rappreżentant tal-MFSA;
2. L-imputat spjega kif huwa tneħħa fiżikament mill-kumpanija u għalhekk ma kellu ebda opportunità jagħmel ebda atti għan-nom tal-kumpanija;
3. Huwa ma seta jagħmel ebda atti għan-nom tal-kumpanija għaliex dan kien ikun jikkostitwixxi reat u għalhekk kien jinsab bl-impossibilità legali li jirregola l-posizzjoni tiegħu;
4. Huwa personalment informa lid-Dipartiment tal-VAT li huwa ma għadux il-persuna responsabbli iżda ħadd mill-kumpanija ma kkonferma dan il-fatt.
5. Il-piena hi eċċessiva.

**Ikkunsidrat:**

**6.** L-aggravji miġjuba 'l quddiem mill-apellant f'dan l-appell ftit li xejn huma pertinenti għall-akkuża odjerna peress li bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-21 ta' Ġunju 2011 ċitata fl-imputazzjoni huwa kien instab ħati u ġie kkundannat fil-vesti personali tiegħu u mhux in rappreżentanza ta' xi kumpanija. L-aggravji miġjuba setgħu kellhom

xi relevanza fil-proċeduri oriġinali li wasslu għas-sentenza msemmija iżda mhux fil-proċeduri ta' llum li l-uniku għan tagħhom hu li jiġi likwidat l-ammont totali ta' penali dovuta għall-perjodu mit-22 ta' Settembru, 2011 sal-31 ta' Jannar 2014 liema penali hi dovuta mill-imputat personalment. In kwantu għall-multa imposta mill-ewwel Qorti din tirriżulta korretta.

Għall-motivi premessi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur